**25 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel Camilleri et.

**Traffiku — "Main Road" u "Side Road" — "Right of Way" —Kollizjoni — "Last Opportunity".**

*Id-dritt ta' preċedenza li għandu l-"main road user" di fronti għas-"side road user" ma hux illimitat. Id-driver li għandu r-"right of way" ma jistax jagħmel li jrid u jeżimi ruħu minn kull regola ta' prudenza ordinarja. B'mod illi, meta jkun qed jersaq lejn "side road", anki hu għandu jersaq bi prekawzjoni.*

*It-teorija tal-'Last Opportunity" ma tapplikax meta ż-żewġ drivers li ġew f'kollizjoni kienu t-tnejn negliġenti sal-aħħar.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmel Camilleri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 1959, f'xil-5.35 p.m., saq il-car 10140 minn Mtarfa Road lejn Mosta Road b'ġiri aktar milli jmissu, u naqas jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien riesaq lejn salib it-toroq, u naqas jagħti d-dritta lit-traffiku li kien ġej minn fuq innaħħa tal-lemin tiegħu; barra minn dan saq l-istess car b'manjiera traskurata u perikoluża; u, iżjed, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni u għax m'osservax ir-regolamenti, ħabat mal-car 26539 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Lawrence Azzopardi, u għamel ħsara fil-car li kien qiegħed isuq għad-dannu ta' Joseph Camilleri, u kkaġuna ferita ta' natura ħafifa u mportanza żgħira

fuq il-persuna ta' Majorie Horabin, skond ma ċċertifika Dr. George Zarb, M.D.; bit-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan;

U dik miġjuba kontra Lawrence Azzopardi talli, fl-istess jum u ħin, saq il-car 26539 minn Mosta Road lejn Mtarfa Road b'ġiri aktar milli jmissu, u naqas jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien riesaq lejn salib it-toroq; barra minn dan, saq l-istess car b'manjiera traskurata u perikoluża; u iżjed, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax m'osservax ir-regolamenti, ħabat ma' car 10140, u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Joseph Camilleri; u iżjed, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa u mportanza żgħira fuq il-persuna ta' Majorie Horabin skond ma ċċertifika Dr. George Zarb, M.D.; bit-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-żbatax (17) ta' Frar, 1960, li biha sabet lil Carmel Camilleri mhux ħati tal-ewwel u l-ħames imputazzjoni, iżda ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, b'dan li din ir-raba' imputazzjoni ta' sewqan b'manjiera traskurata tassorbixxi t-tieni u t-tielet imputazzjoni, u dikkjarat il-proċediment eżawrit fuq l-oħra stante rinunzja; u sabet lil Lawrence Azzopardi mhux ħati fuq l-ewwel u r-raba' imputazzjoni, iżda ħati tat-tieni u t-tielet, b'dan li din it-tielet imputazzjoni ta' sewqan b'manjiera traskurata tassorbixxi t-tieni, u ddikjarat il-proċediment eżawrit fuq il-ħames stante rinunzja; u kkundannat lil Carmelo Camilleri għal £5 multa fuq ir-raba' imputazzjoni u lliberatu mill-ewwel u mill-ħames; u ordnat li l-imsemmi Lawrence Azzopardi jiġi liberat taħt il-provvedimenti tal-Artikolu 23 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali fuq it-tielet imputazzjoni, u lliberatu mill-ewwel u r-raba' imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-imputat Carmel Camilleri, li appella kontra s-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata fl-parti kundannatorja tagħha u li hu jiġi liberat;

Rat ir-rikors tal-imputat l-ieħor Lawrence Azzopardi, li bih dan ukoll appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata fil-parti kundannatorja tagħha, u li hu jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-perizja, kostitwita f'din is-sedi, sabet li l-appellant Camilleri kien negliġenti filli bħala "side-road user", meta ġie biex joħroġ minn Imtarfa Road għall ġo salib it-toroq, ma esplorax il-*"main road"* biex jara setgħax jaqsam u jibqa' sejjer. Hu naqas wkoll filli ma ħax, kif it-triq kienet tippermettilu li jieħu, "a wide sweep" biex, b'hekk, ikabbar il-viżwali tiegħu u tal-car l-ieħor involut fil-kolliżjoni;

Il-perit sab ukoll li l-appellant Azzopardi kien negliġenti filli approssima l-"cross-roads" bi speed li ma kienx xieraq. Li speed ma kienx jeċċedi l-limiti legali, imma kien ta' mhux anqas minn tletin mil fis-siegħa, u għalhekk ferm diżadatt għal dak il-pont tat-triq. Il-perit irribadixxa din il-veduta fl-eskussjoni tiegħu fl-udjenza tal-erbgħa (4) ta' Ġunju 1960. Hu opina li f'dik il-lokalità, fl-imminenza tal-"cross-roads", anki speed ta' 20 mil fis-siegħa kien ikun żejjed. Il-perit ukoll osserva, fil-kors *tar-relazzjoni tiegħu*, li d-dritt tal-preċedenza, li kellu l-appellant Azzopardi bħala "main-road user", ma għandux jiġi spint oltre limiti raġjonevoli. Il-konklużjonijiet tal-perit huma konformi għar-riżultanzi tal-provi u għall-prinċipji in materja ta' ġurisprudenza dwar traffiku stradali;

*Ġie kemm il-darba statwit minn din il-Qorti li il-"main-*road user" ma għandux dritt illimitat. Fis-sentenza "Pulizija vs. Jack Morris", deċiża minn din il-Qorti, kostitwita kif inbi llum, fil-24 ta' Lulju 1937, il-perit tal-lum, Dr. Cassar, kien ukoll esprima l-fehma tiegħu li d-dritt tar-"right of way" ma kienx jfisser li l-utent tiegħu seta' jagħmel li jrid u jeżimi ruħu minn kull regola ta' prudenza ordinarja; u l-Qorti kienet akkolijiet il-fehma tiegħu. L-istess prinċipju ġie elaborat, fuq li stregwa tal-ġurisprudenza u dottrina Ingliża u Skoċċiża fil-kawża App. Krim. "Pul. vs.

Galea", deċiża fil-5 ta' Settembru 1953 minn din il-Qorti similment kostitwita; u ġie ribadit l-insenjament taċ-"Charlesworth "On Negligence", fis-sens li:— " ...... whilst there is a duty on vehicles coming from the side-road, it is also the duty of vehicles on the main-road approaching a side-road to do so with caution";

Hu anki ta' min jissenjala deċiżjoni reċentissima tal-Queen's Bench Division, 19 Otttubru 1959, ta' Havers J., li fiha l-obligu ta' "reasonable care" tal-"major road-user", li, għad-differenza tal-każ preżenti, kien qiegħed isuq bi speed moderat ta' għoxrin mil fis-siegħa. Il-każ kien dan:— "The plaintiff's husband was killed in a collision between his motorcycle and an omnibus. The bus was travelling at not more than 20 miles per hour along the major road approaching the junction with a minor road .... the deceased did not slacken speed at a "Slow: Major Road ahead" sign on the minor road and rode straight into the major road and into the bus. HELD — that the possibility of danger was reasonably apparent to the driver of the bus who was therefore under a duty to take reasonable precautions. Although he was on the major road, driving at a moderate speed, and the deceased was far more to blame, the bus driver had failed to take reasonable care for the safety of other traffic on the road, and was therefore negligent ..... " Fil-każ preżenti, l-imputat Azzopardi kien qiegħed isuq bi speed qawwi, għad-differenza tal-bus-driver, u l-imputat Camilleri kien qiegħed isuq bi speed moderat. Is-sentenza ċitata hi mportanti bħala li tirriafferma d-dover tal-"major road-user". Hawn Malta, disgrazzjatament, ħafna "side-road users" joħorġu fuq il-"major road" bħalli kieku xejn, bla ebda prekawzjoni; u l-"major road-users" f'ħafna każijiet donnhom jaħsbu li, la darba qegħdin fuq il-"major road", allura jistgħu jsuqu kif iridu;

Il-liġi tagħna, del resto, ittramutat f'dispost pożittiv tagħha dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali; għaliex fir- reg. 64 G.N. 24 tal-948, wara li ddefiniet x'inhi "major road" u tgħat lill-"user" tagħha ir-"right of way", żiedet il-proviso bil-kliem "provided however that the driver of any motor vehicle, whether on a major or a minor road, shall at all

times exercise due care and shall take all necessary precautions at any road junction";

Dottor Busuttil, difensur tal-appellant Azzopardi, iċċita ċ-Charlesworth fis-sens li wieħed għandu jistenna li "road-users" oħra josservaw ir-"rule of the road". Dan hu veru; imma kienet ukoll, f'dan il-każ, eżiġenza ta' prudenza ta' inkombenza ta' Azzopardi li, avvolja kien fuq il-"main road", ma jibqax jsuq bit-30 mil fis-siegħa meta kien qiegħed javviċina "cross-roads";

Dottor Harding, difensur tal-appellant l-ieħor, Camilleri, argumenta li *t-tort għandu jkun riversat* interament fuq l-appellant Azzopardi, għaliex dan kellu l-aħħar opportunità li jevita l-kolliżjoni, u ma evitahiex minħabba s-"self-created incapacity" ta' li speed. Però dan l-argument ma hux aċċettabbli;

Hu veru li t-teorija tal-"last opportunity" ġiet kemm il-darba enunċjata u applikata mill-Imħallef sedenti in bażi għall-ġurisprudenza Ingliża, li bdiet miċ-ċelebri "Volute case" fid-Dritt Marittimu, li fih Lord Birkenhead kien ta sentenza kunsidrata "locus classicus" in materja (ara għal ġurisprudenza Maltija — Kollez. XXIX-II-5406; XXX-IV-616; XXIX-II-148; XXIX-IV-740; u ara wkoll Terrell's Law of Running Down Cases, pp. 56-65;

Iżda f'dan il-każ in-negliġenza tat-tnejn kompliet salmument tal-kolliżjoni, bla ma kien hemm ebda intervall bejn iċ-ċessazzjoni tan-negliġenza ta' Camilleri u l-bidu tan-negliġenza ta' Azzopardi; u f'kontinġenzi simili id-"doctrine of last opportunity" ma tapplikax. Jingħad fil-Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, sec. 55:— "The *plaintiff's negligence must have terminated. The doctrine* does not apply where the negligence of the plaintiff contines up to the moment of the accident and both parties are contemporaneously and actively at fault at the instant of the injury";

Għalhekk din il-Qorti, prevja adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali, tirrespinġi ż-żewġ appelli u tikkonferma, fil-konfront taż-żewġ appellanti is-sentenza apellata.